MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1153/2003

**Joseph Farrugia ezercenti l-kummerc fl-isem**
**"Farrugia Eneterprises"**

**vs**

**David u Jacklyn Sue konjugi Woodward**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm852.00) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti, liema ammont ghadu dovut mill-konvenuti, u dana minkejja weghdiet persistenti li kienu ser iwettqu l-hlas dovut;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji datati 27 ta' Jannar, 2003 u 17 ta' Frar, 2003, u bl-imghax legali mis-6 t'Awissu, 2000, data tal-konsenja, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Michael Grech ghall-attur. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-nota ta' cessjoni tas-sorte prezentata llum.**

**Ghaldaqstant, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sorte jikkundanna lil konvenut ihallas l-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji datati 27 ta' Jannar, 2003 u 17 ta' Frar, 2003.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------